MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1687/1999/1

**It-Tabib Michael Farrugia**

**Vs**

**It-Tabib Louis Deguara**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut fil-harga tal-gurnal “In-Nazzjon” tat-3 ta’ Lulju, 1999 fl-Artikolu tieghu ntitolat “Skandlu jew korruzzjoni?” sostenut minnu fl-istess jum fil-kummenti tieghu fil-bullettin tal-Ahbarijiet ta’ Radio 101, ta’ malafama

lill-istanti billi attribwielu fatti determinanti bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-ridikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

Billi l-Artikolu hekk mitbugh u l-kummenti mxandra jinsinwaw di fronte ghall-esponenti, gia' Ministeru tas-Sahha fi zmien amministazzjoni Laburista, rresponsabilita' f'infieq ta' flus il-poplu, nteressi suspettuzi u b'sapur ta' korruzzjoni;

Billi dawn l-insinwazzjonijiet huma nveritieri u kienu biss intizi biex jaghmlu hsara lill-istanti;
Billi l-attur bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut ta' malafama lill-istanti bl-istampa fil-harga tal-gurnal imsemmi u bil-kummenti mxandra bil-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu;

2. Tikkundanna lil-istess konvenut ihallas lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti joghgobha tiddetermina in linea ta' danni u riparazzjoni tal-ingurji morali u malafama li huwa sofra bil-publikazzjoni tal-Artikolu surreferit u bil-kummenti mxandra kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:**

1. Illi fl-ewwel lok, il-publikazzjoni mhix libelluza fil-konfront tal-attur billi l-attur la hu identifikat u lanqas identifikabbli.

2. Minghajr pregudizzju ghal-premess, illi l-artiklu in kwistjoni jikkontjeni allegazzjonijiet ta' fatt u kummenti. Ghal dak li jirrigwarda allegazzjonijiet ta' fatt, l-esponenti ser jaghmel il-prova tal-verita' taghhom u ghal dak li huma kummenti, dawn jammontaw ghal 'fair comment' li l-esponenti huwa ntitolat jaghmel skond il-ligi.

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

## KONTESTAZZJONI

L-attur qed joggezzjona ghall-artikolu li inkiteb mill-konvenut fil-gurnal In-Nazzjon intestat "Skandlu jew Korruzzjoni ?" u ghal kummenti tieghu fil-bullettin ta' l-ahbarijiet ta' Radio 101 ta' l-istess gurnata, 3 ta' Lulju 1999. Hu qed jissottometti li l-implikazzjoni hija cara u l-messagg li nghata lill qarrej ordinarju hija li l-attur ikkommetta xi irregolarilta' u abbuza mill-kariga tieghu bhala Ministru billi mhux biss mar kontra d-direttiva tal-Prim Ministru tieghu u tal-Ministru tal-Finanzi izda sparpalja flus il-poplu ghaliex kellu xi interess li d-Dipartiment li kien jaqa' tahtu, jinjora offerta' irhisa li saritu u minflok ihallas bl-gholi biex nefaq Lm100,000 zejda bla bzonn. F'dan il-kuntest jissemma jekk kienx hemm skandlu u korruzzjoni.

Minn naha l-ohra l-konvenut jissottometti li l-fatti allegati fil-pubblikazzjoni irrizultaw sostanzjalment korretti. Id-Dipartment tas-Sahha kien ghazel li ma jirrispondiex offerta' vantagguza li kienet saritlu u hallas aktar milli kien offrut, ghalhekk il-konvenut bhal kull cittadin iehor kien intitolat li jikkummenta fuq agir skandaluz jew ta' korruzzjoni.

### Eccezzjonijiet

### Identifikazzjoni ta' l-attur

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-publikazzjoni mhix libelluza fil-konfront tal-attur billi l-attur la hu identifikat u lanqas identifikabbli. Hu spjega li l-

artikolu jitkellem fuq id-Dipartiment tas-Sahha, li tieghu l-attur kien Ministru bejn 1996 u 1998, izda imkien u fl-ebda parti mill-artikolu ma saret allegazzjoni fil-konfront ta' l-attur personalment.

Illi skond l-awtur P. Carey fil-ktieb tieghu Media Law 1996 pagna 43, *The plaintiff must show that the words were published of and concerning him. It will be no defence that the plaintiff is not referred to by name if he would be capable of being identified by the reasonable person…. The test, in every case, is whether reasonable people would understand the words to point to the plaintiff personally.*

Kif qalet il-Qorti ta l'Appell fis-sentenza Desira Buttigieg vs Cossai et Vol XL11 p4 p 1529 tad-29 ta' Novembru 1958: "Verament mhux importanti li wiehed jara x'kellhom f'rashom il-kwerelati meta l-artikolu nkwistjoni gie miktub u stampat, imma importanti huwa li wiehed jara x'jifhem ic-cittadin ordinarju ta' intelligenza normali meta jaqra l-artikolu." Ara wkoll App Civ. Onor. Dr. G. Abela vs Dr. J. Muscat 22.7.85).

Jikteb Gately On Libel and Slander li, "*where the libel does not ex facie refer to the plaintiff, extrinsic evidence must be given "to connect the libel with the plaintiff*" (page 809 9th Ed).

Fl-artikolu inkriminat il-konvenut jikteb fost hwejjeg ohra li jrid risposta ghal mistoqsijiet li jqajjem kaz bhal dan. Hu kiteb: "**Ma rridux habi bil-paraventu tal-Bord tal-Vigilanza u d-Dixxiplina".**

L-attur issottometta li hu kien il-ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha dak iz-zmien in kwistjoni indikat mill-konvenut u ghalhekk ir-referenza li saret fl-artikkolu kienet ghalih billi huwa kien suggett ghad-dixxiplina tal-Bord tal-Vigilanza tal-Partit Laburtista. Dan hu dak li jifhem il-qarrej ordinarju meta jaqra l-artikolu nkriminat.

Minn naha l-ohra l-konvenut jirritjeni li l-Bord ghandu gurisdizzjoni fuq kull membru assocjat fil-Malta Labour Party u l-attur huwa wiehed minn eluf li fuqu dan il-Bord ghandu gurisdizzjoni.

Ghall Qorti dan l-argument pero' ma jregiex billi d-Dipartiment tas-Sahha mhux suggett ghal Bord tal-Vigilianza u Dixxiplina u lanqas il-Labour Party ma huwa *accountable* ghad-Dipartiment tas-Sahha imma hu l-Ministru koncernat cjoe f' dan il-kaz l-attur. Il-Bord tal-Vigilianza u dixxiplina tal-partit Labursta m'ghandux x'jaqsam ma amministrazzjoni ta' impjegati tac-civil jew ma inkompetenza fl-amministarzzjoni fic-civil.

Ghalhekk jidher car li l-konvenut fl-artikolu inkriminat kien qed jisfida lill attur biex ma jistahbiex wara l-paraventu tal-Bord tal-Dixxiplina.

Inoltre fix-xhieda tieghu, meta l-konvenut gie mistoqsi jekk jeskludiex li kellu f'mohhu lill attur fl-artikolu tieghu, il-konvenut wiegeb li ma jeskludhiex. Ghalhekk l-attur kien inkluz ukoll. Kif gie deciz mill-Qrati taghna "ma jistghax jigi favorevolmente mismugh il-kwerelat filli jaghti l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' identifikazzjon tal-kwerelant, meta huwa stess, fil-kors tal-gudizzju jaccetta li r-riferenza kienet ghall kwerelant". (Rev. Fr.Leopoldo vs Perit D.Mintoff App Krim Inf. 23.6.1962.)

Ghalhekk kollox ma kollox il Qorti taqbel li l-attur kien identifikabbli ghalkemm ma giex indentifikat b'ismu fl-artikolu inkriminat.

**Ingurja**

Il-konvenut jissottometti li anke jekk l-ewwel eccezzjoni ma tigiex accettata, hu kien intitolat li jaghmel il-kummenti li ghamel u fejn jistaqsi jekk kienx hemm skandlu jew korruzzjoni u jaghmel il-mistoqsijiet li hemm fil-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar fl-artikolu u cjoe

- Irridu nkunu nafu ghaliex qatt ma nghatat risposta ghall offerta’ vantagguza li rcieva l-Ministeru?
- Min kien responsabbli biex din ir-risposta ma nghatatx?
- X’interess kellu min ipprefera li d-dipartiment jibqa’ jhallas bi prezz gholi?
- Ghaliex min kien responsabbli ma hax azzjoni fuq l-offerta vantagguza li saret?I
- Ghaliex il-poplu kellu jhallas madwar Lm100,000 aktar ghax ma nkitbitx semplici ittra biex tikkonferma l-offerta l-gdida?

Il-konvenut jirritjeni li l-fatti kollha allegati fl-artikolu jirrizultaw sodisfacentement pruvati u ghalhekk huwa setgha jikkummenta fuqhom permezz tad-domandi li ghamel. Hu jghid li l-bazi ta’ l-artikolu kien li bi ftit sforz setgha jigi iffrankat 50% tal-prezz li kienu qed ihallsu u l-bazi ta’ l-artikolu kien jekk din l-inazzjoni kinitx intenzjonata jew inkellha minhabba traskuragni li dan il-ftehim vantagguz ghall poplu Malti ma sehh qatt.

Mill-provi li semghet il-Qorti jirrizulta bhala fatti li :

Bejn in 1996 u 1998 id-Dipartiment tas-Sahha kien ghamel *arrangement ad hoc* ma St James Clinic biex dina tipprovvdi servizz ta’ MRI Scan bi prezz fiss ghall kull *scan* li jsir fuq pazjenti li jintbghatu mill-Isptar San Luqa. F’Dicembru 1997 kienet saret offerta’ minn St. James Clinic lid-Dipartiment tas-sahha li jsir rohs fil-prezz ta’ kull scan, izda ma kienx hemm respons minn naha tad-Dipartiment ghall dina l-offerta’. Fil-frattemp il-Gvern kien qieghed jiddeciedi jekk jixtriex jew jikriex MRI *machine* ghalih. Tbiddel il-Gvern fil-1998 u St. James Clinic regghet ghamlet offerta’ bi prezz orhos izda fil-frattemp il-Gvern kien xtara l-makna ta’ l- MRI.

Tikkunsidra

Biex tirnexxi l-eccezzjoni ta' *fair comment* jrid ikollha bhala l-bazi ta' kull kritika u kumment li l-fatti jkunu <u>sostanzjalment veri.</u>

Il-konvenut qed isostni li meta saret l-offerta f'Dicembru 1997 hadd mid-Dipartiment ma ndenja ruhhu jirrispondi ghal dina l-offerta vantagguza li biha kienu jigu ffrankati Lm100,000 u li dina l-offerta' lanqas biss dahlet fil-file.

Illi mill-provi li semghet dina l-Qorti, mhux vera li fuq l-offerta' li ntbghatet minn klinika St. James ma saret ebda diskussjoni kif qed jallega il-konvenut.

Meta Dr. J. Zarb Adami, konsulent anestetista fl-Isptar San Luqa u Chairman tal-Medical Equipment Committee, gie mistoqsi mid Director General ta' l-Isptar (ara ittra a fol 79) ghaliex l-ittra li kien fiha l-offerta' ma ddahhlitx fil-file u ghaliex ma ittiehdet ebda azzjoni, dan irrisponda li :

"*The letter of December 1997 was addressed to me as Chairman of medical equipment committee and was therefore filed in the appropriate MEC file. I had never had access to any department of health file on MRI*". (ara fol 80).

Dwar x'sar mill-offerta' hu rrisponda li:

"*When an MRI became available locally St James Hospital, ad hoc arrangements were made by the Department of Health following the recommendation of Consultant neurologist Dr. A. Galea Debono*".

"*A special committee under the Chairmanship of Dr.J.Cachia was convened to establish referral protocol*". Fl-ittra a fol 80 fejn hemm l-azzjonjijiet li ittiehdu u d-diskuzzjonijiet li saru. Hu qal li "*Discussions were held between me and Dr.Muscat in order to obtain better charges for MRI*".

Fil-fehma tal-Qorti jirrizulta li effettivament kienu ttiehdu passi meta saret l-offerta' f'Dicembru 1997 u mhux ma sarx xejn kif allega l-konvenut. Mill-provi prodotti u dokumenti ezibiti jirrizulta li l-pakkett offrut minn St. James Clinic ma kienx meqjus vantagguz hafna billi l-offerta' bir-rohs fil-prezzijiet kienet marbuta mal kundizzjoni li d-

Dipartiment jintrabat li jzid in-numru ta’ tests fix-xahar u li d-Dipartiment jintrabat ukoll b’kuntratt ghal numru ta’ snin. Dan kien kontra l-*policy* tal-Gvern billi dak iz-zmien kienet qed issir sejha ghall offerti biex jinxtara MRI u ghalhekk il-Dipartiment ma riedx jintrabat ghall zmien twil.

Dr. Joseph Zarb Adami xehed li meta l-ispejjez bdew jizdiedu l-Ministru, cjoe l-attur, kien esprima ix-xewqa li sakemm jigi finalizzat it-*tender* ghax xiri tal-MRI huma jikru jew isibu post iehor biex inaqqsu l-ispiza. Dr. Zarb Adami jikkonferma li ghalkemm l-offerta’ li ghamlu St. James kienet tidher favorevoli fil-fatt dina kienet marbuta ma’ kondizzjonijiet li ma setghux jaccettaw bhal ma kienu li jizdied in-numru ta’ scans u jintrabtu bi zmien twil. Inoltre l-Gvern kellu l-pjanijiet tieghu biex jixtri l-MRI tieghu. Ghalhekk ma kien sar xejn fuq l-offerta’.

Li kien hemm dawn il-kondizzjonijiet marbuta ma ’ dina l-offerta’ gie konfermat minn Jean Claude Muscat u Dr. Josie Muscat.

Jean Claude Muscat xehed li huma xtaqu li jkollhom long term agreement mal-Gvern biex minflok il-Gvern igib l-magna ghalih u huma jitkissru (ghax in-nies ovvjament tmur ghas servizzi b’xejn) huma riedu li jkollhom agreement ghal tlett snin, jibghatulhom tant pazjenti, u l-fee tinzel , u jekk l-*agreement* ikun ghal hames snin il-prezz jinzel aktar. L-offerta’ kienet relatata man-numri ta’ pazjenti u mat-tul taz-zmien. Huma kienu jafu li dak iz-zmien il-Gvern kien qed fi process li jixtri makna u ghalhekk ghamlu minn kollox biex jekk jista’ jkun il-Gvern ma jixtriex l-MRI biex jibqa’ jaghmlu s-sub contracting maghhom. Dan gie ukoll konfermat minn Dr. Josie Muscat.

Fl-artikolu tieghu l-konvenut kiteb li billi ma ttiehdet l-ebda azzjoni wara l-offerta li saret minn St James Clinic fin 1997 l-Gvern ma ffrankax mal Lm100,000 (ara dok a fol 143-144) u dana billi l-Klinika St. James kienet qed toffri 40 *scan* fix-xahar bil-Lm220 *per scan* u minkejja dana l-Gvern baqa’ jhallas bit-Lm300 *per scan*. Wara l-elezzjoni

tal-1998 meta l-konvenut tkellem ma ta’ St. James, dawn kienu nizlu ghal Lm160 u anke ghal Lm125 *per scan.*

Jirrizulta mil-provi prodotti li bejn Lulju 1997 u Awissu 1998 ghamlu uzu minn dan is-servizz 428 persuna u ghal dan is-servizz l-klinika St. James thallset Lm122,995. L-offerta’ ta’ St James kienet saret f’Dicembru 1997 u bejn Lulju 1997 u Dicembru 1997 l-ispiza kienet ta’ Lm62,040 ghalhekk ma setghetx issir nefqa ta’ Lm100,000 aktar. Il-konvenut ipprezenta lista ta’ MRI scans li saru fil-perjodu ta’ 1997 sa 2000 izda fl-artikolu inkriminat billi gie allegat li setghu gew iffrankati Lm100,000 ir-referenza ghall ammonti ghandha ssir ghall perjodu li ghalih kien responsabbli l-attur u mhux ghaz zmien kollu li fih kienet qed topera St. James bl-MRI taht iz-zewg Gvernijiet.

Dr. Joseph Zarb Adami xehed li sa fejn jaf hu meta tahdem il-kalkoli kollha kien hemm inqas minn Lm10 kull pazjent savings bl-offerta ta’ St James u kien qed ikun generuz. St James riedu li jintrabtu ghall perjodu twil biex ikun hemm savings sostanzjali. Il-vantagg kien fil-perjodu twil mhux fil-perjodu qasir li offrew. Hu spjega fl-ittra tieghu a fol 80 f’hiex kien jikkonsisti r-rohs apparenti li offriet St. James. Hu qal: “*If you look into the offer, you will find that when you add the charges for the radiologists fees and the ionic contrast media, there was no significant benefit*”.

Il-konvenut qed jippretendi li meta imbaghad tbiddel il-Gvern is-sitwazzjoni tbiddlet u huma bdew jgawdu mir-rohs fil-prezz li kien offria St. James anzi li kienu gabu prezzijiet orhos milli kien qed joffri St. James fil-1997.

Mill-provi prodotti pero’ jirrizulta li meta tbiddel il-Gvern dan baqa’ ma hax l-offerta’ u baqa’ miexi bl-istess sistema ta’ qabel.

Jean Claude Muscat xehed li wara l-elezzjoni tal-1998 offrew lill Gvern rohs fil-prezz ghall long term agreement ukoll imma ma kellhom ebda feedback. F’Marzu 1999

kienu ghamlu zewg offerti A u B lill Gvern izda ghal darb'ohra ma kellhomx rispons fuqha.

Dr. Josie Muscat ikkonferma l-istess haga. Hu qal li wara l-elezzjoni tan 1998 dan l-istess pakkett gie offrut lill Gvern il-gdid izda lanqas din id-darba ma rcevew risposta u baqghu ghaddejin bl-istess procedura ta' qabel. Hu qal li qatt ma sar pakkett gdid mal-Gvern wara l-elezzjoni tal-1998 u huma rahhsu l-prezzijiet minn rajhom. Fejn jidher li l-Gvern accetta l-proposta (ara ittra a fol 84) fil-fatt ma kienx hekk ghax id-Dipartiment kien interpreta hazin l-offerta' u dina "*was not intended to replace the existing fee agreemenet*" (ara fol 85) L-offerta' li ghamlu kienet orhos minn ta' Dicembru 1997 izda dan sar bl-iskop li jzidu l-pazjenti u l-Gvern ma jixtrix il-makna tal-MRI. Dr. Muscat jikkonkludi li fiz-zewg okkazzjonijiet ma rcevew l-ebda risposta minghand l-ebda Gvern li tghid li qed jaccettaw ir-rohs. Imbaghad il-Gvern xtara l-makna tieghu u ma baqghax jibghat pazjenti.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-fatti ma grawx kif kiteb dwarhom il-konvenut fl-artikolu tieghu, billi rrizulta li effettivament kienu ttiehdu passi wara li kienet saret l-offerta' f'Dicembru 1997 u gie spjegat ghaliex l-offerta ma kienitx accettabili u mhux daqstant vantagguza. Konsegwentement il-konvenut ma kienx intitolat jaghmel il-kummenti li ghamel jew il-mistoqsijet li dehru fil-gazzetta bl-insinwazzjoni ta' skandlu u korruzzjoni. Il-konvenut ma setghax jaghmel kummenti li jigu kunsidrati fair jekk il-fatti ma kienux sostanzjalment veri.

Ghalhekk it-talba attrici ghal malafama ghandha tigi milqugha billi l-attur ipprova li fl-artikolu miktub mill-konvenut kien hemm akkuzi nfondati ta' tberbiq ta' flus il-poplu; ta' interessi suspettuzi u ta' skandlu u korruzzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur

U tiddikjara illi l-konvenut tah malafama lill-attur bl-istampa fil-harga tal-gurnal imsemmi u bil-kummenti mxandra;

Tikkundanna lil-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tmien mitt mitt lira Maltin (Lm800) in linea ta’ danni ghall malafama li huwa sofra bil-publikazzjoni tal-Artikolu surreferit u bil-kummenti mxandra kif fuq spjegat,

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------